# IR-RABTA TA' DUN DUMINK ABELA MAL-VARA TA' SANTA KATARINA

*Kitba tal-Kan. Dun Joe Abela B.A. (Hons); Lic.D., H.E.L.*



## It-talba għall-indulġenza

F'żewġ programmi tal-Festa ta' Santa Katarina tas-sena l-oħra, dehru żewġ artikli, wieħed qasir ta' Lorenzo Zahra fil-Fuljett Parrokkjali, u ieħor itwal minnu ta' Sandro Debono fil-Programm tal-Banda Beland. It-tnejn taw importanza lit-talba li għamel lejn it-tmiem tas-sena 1762 Dun Dumink Abela, qassis Żejtuni, lill-Isqof Bartilmew Rull biex dan jagħti indulġenza lil min jitlob quddiem **il-vara ġdida ta' Santa Katarina li kienet għadha kemm saret għaż-Żejtun**. Daqshekk hu d-dokument. Prosit liż-żewġ kittieba li ġabu għad-dawl dan id-dokument importanti. Zahra jkompli jgħid li kien dan Dun Dumink stess li offra din il-vara lill-knisja parrokkjali taż-Żejtun. Nibża' li Zahra, li għalih jien għandi kull rispett, fl-entużjażmu ġust tiegħu li għamel skoperta importanti, għaġġel xi ftit biex ikkonkluda dan, għaliex ma naħsibx li għax wieħed jagħmel talba lill-Isqof għall-indulġenza, tfisser bilfors li hu stess ħallas għall-vara. Hu x'inhu, illum aħna għandna **kważi ċertezza li l-vara ta' Santa Katarina saret fis-sena 1762**. Għidt "kważi ċertezza", għaliex issa jonqos nippruvaw li l-vara tas-sena 1762 hi l-istess vara li għandna llum, jew din tal-lum qabel ġiet restawrata. Għaliex jista' jkun li bejn l-1762 u l-1882, meta ġiet restawrata l-ewwel darba, saret xi vara oħra! Bil-Malti t-talba tgħid hekk: "**Is-saċerdot Domenico Abela, serv umli u sudditu ta' l-Eċċ. Tiegħek Ill.ma u Rev.ma jesponi illi dan l-aħħar fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun, raħal twelidu, għadhom kemm għamlu vara ġdida, ċioe xbieha ta' Santa Katarina, V.M. ta' Lixandra, u sabiex isaħħaħ id-devozzjoni tal-poplu taż-Żejtun lejn din ix-xbieha qiegħed jitlob indulġenza perpetwa ta' erbgħin jum għal kull min jgħid bid-devozzjoni "Missierna" u "Sliema" quddiem din l-istatwa**". L-Isqof Rull laqa' t-talba ta' Dun Dumink Abela u l-indulġenza mitluba ingħatat fl-4 ta' Jannar, 1763. Qabel din il-vara kien hemm vara oħra fiż-Żejtun.

## Il-familja ta' Dun Dumink Abela

Bit-talba għal din l-indulġenza, **Dun Dumink Abela rabat għal dejjem ismu mal-vara ta' Santa Katarina**, ħallas jew ma ħallasx hu

għaliha. F'dan l-istudju beħsiebni nikteb dwaru u l-ħidma tiegħu sa fejn irnexxieli niġbor xi tagħrif. Immorru lura fis-snin għal-lista taż-Żwieten tal-1663, mitt sena eżatt qabel l-għoti ta' l-indulġenza. F'dik il-lista niltaqgħu mal-familja ta' **Benedetto Abela**, li kien miżżewweġ lil ċerta Bernardina. Dawn kellhom fost oħrajn, tifel li semmewh **Petruzzo**, li fl-1663 kien għad kellu biss 11-il sena. **Ir-rabta tal-familja Abela mal-knisja tidher kmieni**. Infatti nsibu li dan **Petruzzo kien kjeriku**, jiġifieri marbut b'ċerti obbligi mal-Knisja u jaqa' direttament taħt is-setgħa ta' l-Isqof u mhux tal-Gran Mastru, għalkemm seta' jiżżewweġ. Fil-fatt fl-1671 hu żżewweġ fiż-Żejtun lil Katarina Grixti. **Dan Petruzzo Abela jaħbat in-nannu ta' Dun Dumink Abela**. Petruzzo kellu ħuh jismu Domenico, u allura meta Dun Dumink Abela twieled fl-1717, hu ġie msemmi Dumink għaz-ziju ta' missieru. Dan missieru kien jismu **Benedetto** (imsemmi għal nannuh), li twieled fiż-Żejtun nhar is-27 ta' Mejju, 1681, u fl-1 ta' Settembru, 1709 iżżewweġ lil **Lazzarina Veneziano**, li kienet twieldet fiż-Żejtun nhar is-26 ta' Settembru, 1692. L-isem Lazzarina, li mhux komuni, kien ilu s-snin jintiret fil-familja Veneziano, tant li ssemmiet hekk għal nannitha. Baqa' jintiret fis-snin ta' wara.

**Ulied Benedetto Abela**

**Benedetto Abela u martu Lazzarina kienu joqogħdu f'Ħabel ix-Xgħir**, li kien mal-parti taż-Żejtun imsejħa Bisqallin f'dak iż-żmien. **Kellhom tlett itfal biss: Ġużeppi, Katarina u Duminku. Iż-żewġ subien saru t-tnejn qassisin. Dun Ġużepp Abela** (mhux jien li qed nikteb!) twieled fiż-Żejtun nhar is-26 t'Ottubru, 1710, u allura kien seba' snin akbar minn ħuh Duminku. Il-parrini fil-magħmudija taċ-ċkejken Ġużeppi kienu mill-Belt Valletta. Ordna saċerdot għall-ħabta tas-sena 1735 u kien iħobb iqaddes fil-kappella ta' San Niklaw fit-triq li miż-Żejtun tieħu għal Delimara, fi żmien meta fiż-Żejtun il-qassisin ma kenux ftit fin-numru. Hi ħasra li l-kappella ta' San Niklaw, li llum tinsab fil-limiti tal-parroċċa ta' Marsaxlokk, hi dejjem magħluqa. Dun Ġużepp Abela baqa' jgħix għomru kollu fiż-Żejtun, ukoll meta ommu u missieru marru joqogħdu f'Bormla.


Triq Ħabel ix-Xgħir fiż-Żejtun fejn twieled u trabba Dun Dumink Abela

Hu miet fiż-Żejtun nhar il-11 ta' Diċembru, 1782. Ismu jidher fil-lista taż-Żwieten tas-snin 1736, 1740, 1744 u 1749, u fil-Viżti Pastorali tas-snin 1737, 1747 u 1754. Niltaqgħu m'ismu wkoll fost il-qassisin li ġieli amministraw is-sagrament tal-magħmudija. **Katarina Abela**, oħt Dun Ġużepp u Dun Dumink, twieldet fiż-Żejtun nhar is-26 ta' Novembru, 1713, u ġiet mgħammda mill-kappillan ta' San Pawl, il-Belt Valletta. Nhar l-20 ta' Jannar, 1732, iżżewġet fiż-Żejtun lil **Mastru Lorenzo Callus**, iben Orazio u Maria. 'Il quddiem f'dan l-istudju nitkellmu aktar dwar din il-familja ta' Lorenzo u Katarina.

### Dun Dumink Abela

Niġu issa għal Dun Dumink Abela, is-suġġett tagħna. **Domenico, l-aħħar wild ta' Benedetto u Lazzarina Abela twieled fiż-Żejtun nhar is-17 ta' Frar, 1717**. Għammdu l-viċi-kappillan ta' San Pawl tal-Belt Valletta. Il-parrina kienet is-Sinjura Anna Feriolo, mart **Ġiaċintu Testaferrata**. Fil-fatt it-tieni isem mogħti liċ-ċkejken Domenico kien Ġiaċintu, isem żgur mhux komuni fiż-Żejtun, iżda jidher li dan l-isem kien popolari fil-Belt, għaliex, ċerti kappillani tal-parroċċa ta' San Duminku tal-Belt hekk kien jisimhom. Per eżempju, Dun Ġiaċintu Marchesan (1722 – 35) u Dun Ġiaċintu Magri (1738 – 59). **Tidher rabta sewwa tal-familja Żejtunija Abela mal-Belt Valletta**. Nhar is-27 t'Awissu, 1729, meta allura kien għad kellu biss 12-il sena, Duminku Abela rċieva patrimonju biex 'il quddiem ikun jista' jsir saċerdot. Fil-fatt kompla l-istudji tiegħu għas-saċerdozju, tant illi fil-lista tal-kleru taż-Żejtun tas-sena 1737, meta allura kellu 20 sena, naraw li diġa' kien irċieva l-Ordni Minuri ta' l-Akkolitat, li kienet tagħtih is-setgħa li jagħmel servizz fil-knisja. **Dan ifisser ukoll li sar saċerdot għall-ħabta tas-sena 1741**. Sfortunatament ismu ma jidhirx aktar fil-listi tal-kleru taż-Żejtun fis-snin ta' wara, lanqas fl-ewwel waħda li tiġi wara l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu, jiġifieri tas-sena 1747. Dan ifisser li bejn is-snin 1741 u 1747, Dun Dumink Abela ħalla l-parroċċa taż-Żejtun u mar xi mkien ieħor. Fejn mar? Wisq probabbli mar fil-Belt Valletta. Għall-inqas jien ma sibtx ismu fil-listi tal-kleru ta' Bormla, l-Isla u l-Birgu.

### Kappillan ta' l-Ordni ta' San Ġwann

M'hemmx dubju li Dun Dumink Abela kien saċerdot ta' livell għoli ta' skola u intelliġenza. **Dan nafuh mill-fatt li hu ġie magħżul bħala kappillan tal-ubbidjenza fi ħdan l-Ordni ta' San Ġwann**. Dan it-tagħrif jien iltqajt miegħu b'kumbinazzjoni meta kont qiegħed nagħmel riċerka dwar il-kleru taż-Żejtun. Kien fettilli,

b'paċenzja kbira, indur l-ismijiet tal-qassisin li ġieli għammdu fiż-Żejtun. Kieku m'għamiltx hekk, qatt ma kont niltaqa' ma' isem Dun Dumink Abela, għaliex kif għidna, ftit wara li qaddes ħalla l-parroċċa tagħna. **Hu għammed darbtejn biss fiż-Żejtun**: nhar it-18 ta' Lulju, 1790, għammed lit-tarbija Maria Galea u nhar l-14 t'Ottubru, 1794, għammed lil Maria Portelli. F'din it-tieni magħmudija li saret fiż-Żejtun hu mniżżel li hu kien minn Bormla, ***ex Civitate Cospicua***. Barra minn hekk, hu jissejjaħ, bħalma jissejjaħ ukoll fl-1790, ***Rev. D.nus Fr. Dominicus Abela Ordinis Magistralis Obedientiæ S. Joannis Hierosolymitani***. Din għalija kienet trovatura, għax b'hekk sirt naf għaliex ismu ma jidhirx mal-kleru taż-Żejtun: **kien sar kappillan ta' l-Ordni ta' San Ġwann**! Minkejja l-eta' avanzata li kellu fl-1794, Dun Dumink ma ddejjaqx jiġi fiż-Żejtun biex jgħammed.

**Il-familja ta' Dun Dumink f'Bormla**

Omm u missier Dun Dumink, ukoll jisparixxu miż-Żejtun. Fil-fatt marru joqogħdu f'Bormla, ma nafx għal liema raġuni. Għalhekk binhom il-kbir, Dun Ġużepp Abela, dejjem jidher jgħix waħdu fil-listi taż-Żwieten. F'Bormla fittixt nara jekk kellhomx xi tfal oħra, iżda ma sibtx. Benedetto Abela miet f'Bormla nhar is-27 ta' Lulju, 1765 u ġie midfun fil-knisja parrokkjali ta' Bormla. Lazzarina Abela wkoll mietet f'Bormla nhar is-7 t'Ottubru 1776, u hi wkoll indifnet fil-knisja parrokkjali ta' Bormla.

**Meta allura Dun Dumink Abela talab lill-Isqof Rull biex jagħti ndulġenza lil min jitlob quddiem il-vara ta' Santa Katarina hu kellu 45 sena, kien diġa' kappillan ta' l-Ordni u ma kienx joqgħod fiż-Żejtun, għalkemm kien Żejtuni**. Għalhekk fit-talba tiegħu lill-Isqof hu jsejjaħ liż-Żejtun ***sua patria***, raħal twelidu, u jgħid ***fecero una statua nuova***, għamlu statwa ġdida, u mhux "għamilna statwa ġdida".

**Id-dmirijiet ta' Dun Dumink ma' l-Ordni**

X'kienu d-dmirijiet ta' Dun Dumink Abela bħala kappillan ta' l-Ordni ta' San Ġwann? L-ewwelnett, filwaqt li mill-Kavallieri tal-Ġustizzja kien mistenni li jippruvaw in-nobbilta' tagħhom sa minn numru ta' ġenerazzjonijiet, dan ma kienx mistenni mill-kapillani, li **kienu jagħmlu servizz pastorali, bħala saċerdoti fl-isptar ta' l-Ordni fil-Belt** (illum Dar il-Mediterran), fil-knejjes ta' l-Ordni, prinċipalment fil-Knisja Konventwali ta' San Ġwann, **u fuq ix-xwieni ta' l-Ordni**. Naturalment l-aktar xogħol

perikoluż għalihom kien meta kienu jbaħħru mal-Kavallieri fuq xi xini, għaliex spiss kien ikollhom xi taqtigħa ma' l-għadu Tork. Ġeneralment dawn il-kappillani kienu jkunu mill-istess pajjiż jew *Lingua* li magħha kienu jkunu marbuta. Per eżempju, il-kappillani tal-Lingua Taljana aktarx li kienu jkunu Taljani. Meta l-Kavallieri kienu għadhom fil-gżira ta' Rodi, ma setgħux jieħdu kappillani Rodjani, għaliex dawn kienu tal-Knisja Griega, u allura mhux sudditi tal-Papa f'Ruma. Madankollu kien hemm ċerta ħbiberija u fraternita' bejn l-Ordni u l-Knisja Griega f'Rodi. **Meta l-Kavallieri ġew Malta, ħafna mill-kappillani ta' l-Ordni kienu jkunu Maltin**! Tant hu hekk, li mhux l-ewwel darba li bħala Pirjur ta' l-Ordni kien jilħaq saċerdot Malti. Ġieli anke l-Isqof ta' Malta kien Malti fi żmien l-Ordni, peress li l-Isqof kien jintagħżel minn fost il-kappillani ta' l-Ordni. Dan kollu juri x'dinjita' speċjali kien igawdi is-saċerdot Żejtuni Dun Dumink Abela, u forsi din kienet ir-raġuni li għaliha ġie nkarigat hu, u mhux il-kappillan taż-Żejtun, biex jitlob lill-Isqof jagħti l-indulġenza.

## Neputijiet ta' Dun Dumink

Għidna li Katarina Abela, oħt Dun Ġużepp u Dun Dumink, iżżewġet fiż-Żejtun fl-1732, lil Mastru Lorenzo Callus, iben Mastru Orazio. Ukoll dan Lorenzo kellu ħuh saċerdot: **Dun Vincenzo Callus**. Kellhom mhux anqas minn 12-il tarbija. Minnhom insemmu lil **Michael**, l-ewwel wieħed, li bħala parrinu fil-magħmudija kellu lil Dun Vincenzo Callus; lil **Maria**, it-tieni tarbija, li bħala parrinu kellha lil Dun Ġużepp Abela; lil **Rosa Maria**, li bħala parrinu kellha lil **Domenicuzzo Habela**. Dan mhu ħadd ħlief il-ġuvnott li 'l quddiem sar Dun Dumink Abela, u fl-1736, meta twieldet Maria Rosa, kien għad kellu biss 19-il sena. **Metilda**, li kellha żewġ parrini minn Bormla, twieldet fl-1741. **Margarita Callus** twieldet fil-31 ta' Marzu, 1749, u bħala parrinu ma kellha lil ħadd ħlief **Rev. D.nus Fr. D. Dominicus Abela**. Mela fl-1749, Dun Dumink kien diġa' kappillan ta' l-Ordni peress li jissejjaħ "**Fra**" (*frater*). Dna Anna Maria Abela, il-parrina ta' Margarita, kienet Bormliża. Peress li dawn it-trabi, flimkien ma' ħuthom l-oħra kollha li ma semmejniex, kollha twieldu fiż-Żejtun, din hi prova oħra, barra dik ta' l-indulġenza u l-magħmudijiet li amministra hu stess, li **Dun Dumink Abela qatt ma nesa liż-Żejtun**.

Dun Dumink miet f'Bormla nhar it-28 ta' Jannar, 1798, fl-eta' avanzata ta' 81 sena, u ndifen fil-knisja parrokkjali ta' Bormla. Xahar eżatt qabel, iż-Żejtun irċieva t-titlu ta' Belt Bylandt. Isem Dun Dumink jibqa' marbut b'xi mod, mal-vara ta' Santa Katarina.


Dominicus [illegible] Die 12 February 1717
Jacobus Ego D. Joseph [illegible] Vice Parochus Parochialis S.ti Pauli ... baptizavi Abela filium legitimum et natum Benedicti Abela et Lazzarinae Conjugum ... cui impositum fuit nomen Dominicus Jacobus. Patrina fuit Domina Anna ... olim uxor Domini Jacobi ...

Registrazzjoni fiż-Żejtun tal-magħmudija taċ-ċkejken Dumink Abela nhar it-12 ta' Frar, 1717.


Die 18. eiusdem.
Maria Pasqual: da Catarina Lazzarina : Galea.
Di Mandato del Rev.do e Molto Ill.mo Sig. Parroco: Io Fra Domenico Abela Cappellano Magistrale d'Obbedienza ho batezzato la creatura nata oggi da Baldassare Galea, e Cattarina Jugali di Casal Bisbut, alla quale fu imposto il nome Maria, Pasqualda, Catarina, e Lazzarina. I Pnti furono io stesso Fra Dmno, e Marcellina moglie di Lourenno(?) Prima della Città di Burmola

Reġistrazzjoni fiż-Żejtun tal-magħmudija ta' Maria Galea minn Dun Domenico Abela Kappillan maġistrali tal-ubbidjenza tal-Ordni ta' San Ġwann.


Maria, Paula, Magdalena, Cath.a, Lazzarina Portelli.
R.dus D.nus Fr. Dominicus Abela, Ordinis Magistralis Obedientiae S. Joannis Hierosolymitani, ex Civitate Conspicua, facultate habita a me Jacobo Michaële Tonzella(?) Parroco C. baptizavit infantem, die 12. eiusdem natam, ex Georgio Portelli, et Magdalena coniugibus Casalis Pasqualini(?), cui impositum fuit nomen Maria, Paula, Magdalena, Catharina, Lazzarina: Matrina fuit Rosa, uxor Joys Andreae Azzopardi, ex hac Terra Zeytun.

Registrazzjoni fiż-Żejtun tal-magħmudija ta' Maria Portelli minn Rev D.mus Fra Domenicus Abela, Kappillan tal-Ordni Maġisterjali tal-Ubbidjenza ta' San Ġwann, li joqgħod Bormla.